# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion,
**LL.D., Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 25 ta' Mejju 2017

Rikors Guramentat Nru. 211 / 16RGM

Kawza fil-lista: 22

**A B**
**vs**
**C B, D E F;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku;**
**l-Avukat Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar illi permezz ta' digriet datat 2 ta' Novembru 2016 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri G H li twieled fis-27 ta' Frar 2010**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fis-sebgha u ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (27/02/2010), twieled il-minuri G H u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid relattiv;

2. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi l-missier tat-tarbija huwa l-intimat C B, fil-fatt il-minuri giet koncepit f'kors ta' relazzjoni li l-esponenti ghandha ma' l-intimat D E F;

3. Illi fil-fatt l-esponenti u l-intimat C B ilhom separati de facto mis-sena 2009;

4. Illi l-esponenti qed titlob ukoll li fic-certifikat tat-twelid tal-minuri jkun hemm indikat bhala l-missier naturali tieghu l-intimat D E F, iben il-mejtin Graham F u Hazel Yvonne xebba Robinson, imwieled Leamington Spa l-Ingilterra u li meta twieled il-minuri G H kellu l-eta' ta' tmienja u tletin [38] sena.

Ghaldaqstant, l-ersponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-Ligi:

a. Tiddikjara li l-intimat C B m'huwiex il-missier naturali tal-minuri G H li twieled fis-27 ta’ Frar, 2010;

b. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimat D E F huwa l-missier naturali tal-minuri G H li twieled fis-27 ta' Frar, 2010.

c. Tordna l-korrezzjoni tac-Certifikat tat-Twelid tal-minuri G H billi fil-kolonni fejn hemm indikat il-konnattati relattivi ghal missier il-minuri tikkancella d-dettalji tal-intimat C B u tissostitwiehom bid-dettalji tal-intimat D E F.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponent jistqan li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghallhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl- Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f’isimha proprju trid tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gumata qabel it-twelid tal-minuri G, kellha relazzjoni extra-maritali;

3. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri G H ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha li jgib in-numru ta' skrizzjoni 864 tas-sena 2010;

4. Illi bla hsara ghas-suespost f’kaz li jirrizulta effettivament illi l-missier naturali tal-minuri G H huwa fil-fatt l-intimat D E F skont kif indikat mir-

rikorrenti, l-esponent jinvita lill-istess intimat D E F sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita', (3) l-eta` tieghu meta twieled il-minuri G H, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled l-imsemmi minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq rigerit minuri G H bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 864 tas-sena 2010;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri G H a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem C B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 864 tas-sena 2010;

7. Illi finalment deijem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux .jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Novembru 2016 li permezz tieghu gew nominati l-Avukat Dr Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar sabiex jirrapprezentaw lill-minuri G H.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li ddikjaraw li f'dan l-istadju m'humiex edotti mill-fatti.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Jannar 2017, li permezz tieghu innominat lill-esperta gudizzjarja Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci t-test tad-DNA fuq l-attrici A B, fuq il-konvenut D E F u fuq il-minuri Kieran H, a spejjez provvizorjament tal-attrici.

Rat l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar, b'numru ta' dokumenti annessi nkluz ir-rapport li juri li l-konvenut D E F hu l-missier naturali tal-minuri Kieran H B (fol 24 et seq).

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**PROVI**

It-Tabiba Dottor Marisa Cassar, halfet r-rapport taghha fit-8 ta' Frar 2017. Dan ir-rapport a fol 26 u 27, DNA PATERNITY TEST REPORT, jikkonkludi li l-konvenut D E F hu bil-probabilita’ ta’ 99.9999%, il-missier biologiku tal-minuri Kieran H B.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Mic-certfikat tat-twelid tal-minuri a fol 4, Certifikat Numru 864/2010, jirrizulta li l-imsemmi minuri twieled, fis-27 ta' Frar 2010, u l-attrici A B hi indikata bhala omm it-tarbija, u l-konvenut C B hu indikat bhala missier it-tarbija.

Skont l-Artikolu 67 tal-Kap 16:

*'L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu.'*

L-attrici fir-rikors guramentat taghha tiddikjara li ilha separata de facto minn mal-konvenut C B mis-sena 2009.

L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-artikolu 77B tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77B fuq citat tirnexxi illi jigu sodisfatti is-segwenti tliet rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mill-mara tigi istitwita kontra (a) ir-ragel taghha, (b) il-missier naturali u (c) il-wild taghha.
2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.

3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirrizulta li dawn it-tlett rekwiziti huma sodisfatti. Fil-kas in ezami rrizulta li l-attrici u zewgha ilhom de facto separati. Inoltre, t-test tad-DNA kondott mill-esperta gudizzjarja Dr Marisa Cassar iccertifika prattikament b'certezza illi t-talbiet attrici huma fondati.

Il-Qorti tirrileva illi l-Artiklu 77C tal-Kap 16 jipprovdi li fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77 A u 77 B il-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ, jew il-mara skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel, jew fin-nuqqas, f'kull żmien wara li tigi hekk awtorizzata mill-Qorti sabiex tibda kawza għal dikjarazzjoni ta' paternità. Ma jirrizultax mill-atti illi din l-awtorizazzjoni intalbet mill-attrici u konsegwentement inghatat mill-Qorti. Jibqa` l-fatt izda illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ma eccepiex tali mankanza, u ghalhekk, b'mod partikolari in vista tal-fatt li r-rizultati genetici ma jhallu ebda dubju dwar min hu l-missier naturali tal-minuri, din il-Qorti qeghdha bil-prezenti gudikat tissana r-rikors promotur.

Fl-eccezzjonijiet tieghu d-Direttur konvenut jinvoka l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-
*'(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*
*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.'*

Mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-minuri jippossjedi stat differenti minn dak li jinghad fic-certifikat tat-twelid tieghu. Ghalhekk din l-eccezzjoni mhiex fondata.

**DECIDE**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mill-eccezzjonijiet sollevati billi tilqa' t-talbiet attrici:

1. Tiddikjara illi l-konvenut C B ma hux il-missier naturali tal-minuri G H.

2. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri Kieran H huwa l-konvenut D E F.

3. Tordna li fic-certifikat tat-twelid tal-minuri G H jigu kancellati isem u kunjom C B, il-konnotati kollha tieghu u l-kliem 'the said', u minflok jitnizzlu fil-kolonna missier it-tarbija, l-isem u kunjom ta' D E F u l-konnotati kollha tieghu.

4. Tordna li fic-certifikat tal-minuri jitnizzel li jkun maghruf bil-kunjom 'F'.

5. Tordna lill-konvenut D E F sabiex zmien gimgha mil-lum jipprezenta fl-atti ta' din il-kawza b'notifika lid-Direttur, Registru Pubbliku, nota guramentata bid-dettalji kollha indikati fir-raba` paragrafu tar-risposta guramentata tad-Direttur, Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-attrici u l-konvenut D E F in solidum bejniethom.

**Imhallef** **Deputat Registratur**